*termini fl-istess polza menzjonati.*

*Il-vettur hu obbligat jirrestitwixxi l-istess hwejjeġ biss lil min juri ruħu possessur bit-titolu li jirrappreżentaw l-istess hwejjeġ; invern l-funzjoni ta' dawn it-titoli hi appuntu dik li tattribwixxi lill-possessur tagħhom id-dritt għar-rikonsenja talmerċi b'esklużjoni ta' oħrajn.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew li fid-dsatax (19) ta' Ottubru, 1955, waslet Malta fuq il-vapur "Ichnusa" partita ġews spedita mid-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" ta' Catania u diretta lid-ditta "Alfred Mizzi & Sons" li kienet ordnata, u peress li in vista li d-dokumenti relativi ma kienux waslu, id-ditta "Alfred Mizzi & Sons" biex tkun tista' tirtira l-imsemmija merkanzija għamlet garanzija avallata mill-Bank "B. Tagliaferro & Sons" a favur tad-ditta attriċi, li biha obbligat ruħha, inter alia, li tindennizza lill-istess ditta attriċi għal kwalsiasi pretenzjoni, danni u spejjeż li dina tista' tinkorri minħabba l-konsenja tal-merkanzija mingħajr dokumenti, u peress li in konsiderazzjoni ta' din il-garanzija d-ditta konvenuta rtirat l-imsemmija merkanzija, u peress li l-istess ditta konvenuta meta waslu d-dokumenti relativi Malta rrifjutat li tirtirahom, li tikkonsenjahom lid-ditta attriċi kif kienet obbligat ruħha li tagħmel, u kontrarjament għall-kontenut tal-obbligazzjoni minnha assunta bl-imsemmija garanzija, iddepositat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti l-prezz tal-istess merkanzija, bil-kondizzjoni li s-somma kienet tista' tiġi sbankata, mill-aġent lokali tad-ditta attriċi kemm-il darba dana jikkonsenja l-garanzija fuq indikata; u peress li d-ditta attriċi ġiet ikkundannata mill-Qorti ta' Napli li tħallas lid-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" s-somma ta' miljun, mitejn sebgħa u erbgħin elf, ħames mija tm..nja u ħamsin lira taljana (Lire 1,247,558), u ..ieħed u tletin elf seba' mija ħamsa u sebgħin lira taljani (Lire 31,775) spejjeż kif ukoll spejjeż oħra kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża minħabba l-fatt li l-merkanzija ġiet hawn Malta konsenjata mingħaj. il-

preżentazzjoni tad-dokumenti da parti tad-ditta konvenuta, u peress li d-ditta attriċi, minħabba l-mankata konsenja lilha tad-dokumenti da parti tad-ditta konvenuta kif intqal fuq, soffriet danni oħra kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u peress li l-istess ditta konvenuta bil-garanzija fuq indikata *obbligat ruħha li tindennizza lid-ditta attriċi, għal kull danni* li dina setgħat isoffri bħala konsegwenza tal-konsenja tal-merkanzija mingħajr dokumenti — premessi *d-dikjarazzjonijiet* neċessarji, okkorrendo dik li d-ditta konvenuta ddepositat il-prezz tal-merkanzija f'din il-Qorti kontrarjament għall-obbligi assunti bil-fuq ċitata garanzija, u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talab illi (1) illi l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mid-ditta attriċi sija a termini tal-garanzija fuq indikata kemm imħabba inadempjenza tal-obbligi assunti bl-istess garanzija (2) *illi jiġu likwidati dawn* id-danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi (3) illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lid-ditta *attriċi d-danni* hekk likwidati; bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż.

OMISSIS:

Tikkunsidra illi mill-provi rriżulta illi d-ditta konvenuta kienet ordnat lid-Ditta Giuseppe d'Arrigo Tiralongo, ta' Catania partita ġewż li waslet Malta fid-dsatax (19) ta' Ottubru, 1955, u billi l-merkanzija waslet qabel id-dokumenti, il-konvenut irtiraha kontra garanzija bankarja kif *solitu jsir (fol. 5)*. Id-ditta konvenuta rtirat il-merkanzija u bdiet tbiegħ lill-klijenti u billi rċeviet lamenti fuq il-kwalità tagħha, meta waslu d-dokumenti ma ħallsitx. Infatti għad-domanda li saret lill-Bank Scicluna mill-Banca Commerciale Italiana fis-26 ta' Ottubru, 1955 il-Bank Scicluna rrispondita l-istess ġurnata bit-telegramm fol. 150. "Your collection 1427 Alfred Mizzi & Sons unpaid drawers state quality of goods not as ordered understand goods withdrawn under guarantee instruct". Il-Banca Commerciale Italiana fit-28 ta' Ottubru, 1955 *(fol. 149)*

ittelegrafat lill-istess Banka Scicluna biex tirritornalha d-dokumenti, istruzzjonijiet li l-Banka Scicluna esegwit l-istess ġurnata li rċivietħom ċioè id-29 ta' Ottubru, 1955 (fol. 146, 147).

Sa hawn ma jidhirx li hemm kontrast bejn il-partijiet. Il-konvenut però jgħid li huwa mar joffri l-flus lill-aġent tat-Tirrenia Paolo Mifsud imma billi dana ma riedx jirritornalu l-garanzija ma ħallsux u allura ddeposita l-flus taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, u wara li kien ipprotesta ruħu kontra l-istess Paolo Mifsud talli ma rċeviex il-flus għamel kawża kontra d-ditta d'Arrigo Tiralongo għar-riduzzjoni tal-prezz stanti li l-merkanzija ma kienetx skond il-kwalità pattwita. Paolo Mifsud xehed (fol. 180) li ma jiftakarx li l-konvenut kien offra l-flus lill-iskrivan inkarigat però anke jekk huwa offra l-flus huwa ma kienx jaċċettahom għaliex dik ma kienetx inkombenza tiegħu billi lilu kienu jinteressawh id-dokumenti: L-iskrivan tiegħu Stanley Ellul fol. 183 aċċerta li ħadd ma ġie bil-flus wara l-produzzjoni tal-garanzija da parti tal-konvenut. Il-Qorti tara li hija preferibbli l-versjoni tal-konvenut mhux biss għaliex ix-xhieda ta' Albert Mizzi f'din il-kawża hija konformi għal dak li kien ġie dikjarat fil-protest tad-ditta konvenuta tat-8 ta' Novembru, 1955 kontra Paolo Mifsud (fol. 5 tal-proċess "Mizzi vs Mifsud" fuq imsemmi), imma għaliex mid-dikjarazzjoni stess ta' Paolo Mifsud fl-istess kawża l-offerta tal-flus da parti tal-konvenut u r-rifjut minn Paolo Mifsud għar-raġunijiet mogħtija fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża jirriżultaw ċar, (para. 4 tad-dikjarazzjoni a fol. 10 proċess "Mizzi vs Mifsud"). B'daqshekk biss pero' il-konvenut ma jistax jgħid li huwa esonerat mill-obbligi tiegħu — derivanti mill-imsemmija garanzija;

Kif insibu fis-sentenza ta' dina l-Qorti in re "Paolo Mifsud nomine vs Lorenzo Said nomine" 30 ta' Ġunju, 1959 il-kaptan li jikkonsenja l-merkanzija lil min ma jippreżentax il-polizza tal-kariku jinkorri fir-responsabilità konsekwenti għall-

inadempjenza kontrattwali tiegħu. Il-polza tal-kariku hu d-dokument u l-prova tat-trasport, li l-kaptan jobbliga ruħu li jagħmel tal-merkanzija biex jikkonsenjaha fil-post tad-destin lil min ikollu dritt għaliha skond it-termini fl-istess polza menzjonata. Il-vettur hu obbligat jirrestitwixxi l-istess ħwejjeġ biss lil min juri ruħu possessur tat-titoli li jirrappreżentaw l-istess ħwejjeġ, inveru l-funzjoni ta' dawn it-titoli hi appuntu dik li *tattribwixxi* lill-possessur tagħhom id-dritt għar-rikonsenja tal-merċi b'esklużjoni ta' oħrajn;

U kien proprju għaliex il-merkanzija ġiet konsenjata lill-konvenut mingħajr il-preżentazzjoni tad-dokumenti relativi u kwindi mingħajr il-ħlas tal-prezz relattiv li d-ditta d'Arrigo Tiralongo ipproċediet kontra d-ditta attriċi quddiem it-tribunal ta' Napli għall-ħlas tal-prezz tal-merkanzija hekk ritirata imma mhux imħallsa u t-tribunal ta' Napli wara debita kontestazzjoni da parti ta' Tirrenia, u l-kjamata in kawża, fuq talba tal-istess Tirrenia, ta' Alfred Mizzi and Sons, *ikkundanna* lid-ditta attriċi għall-ħlas tad-danni reklamati minn d'Arrigo Tiralongo, *wara li ddikjara li ma kellux ġurisdizzjoni di fronti għal* Alfred Mizzi. Id-ditta attriċi issa qegħda titlob ir-rifużjoni tal-flus li ħallset in segwitu għal dina s-sentenza.

Il-garanzija li solitu ssir għall-irtir tal-merkanzija mingħajr id-dokumenti hija ampja ħafna kif jidher mid-diċitura tagħha a fol. 5 ta' dan il-proċess u li m'hemmx bżonn li tiġi riprodotta *testwalment f'dina s-sentenza. Bl-imsemmija* garanzija l-konvenut obbliga ruħu mhux biss li jagħmel tajjeb għal kull ma jista' jsofri l-aġent talli kkunsinjalu l-merkanzija mingħajr id-dokumenti imma li jikkunsinja l-bill of lading appena jirċevih u li ma jiddepositax il-cost of goods il-Qorti;

Bl-ebda mod ma rriżulta illi d-ditta attriċi ssubiet *il-kundanna* mill-Qorti ta' Napli b'qerq jew ħtija għad-dannu tal-konvenut. Inqas ma rriżultat ebda kolluzjoni bejn l-aġent loka-

i u d'Arrigo Tiralongo kif ippredenta l-konvenut. Id-dokumenti ġew mibgħuta lura mill-Banka Scicluna wara li l-konvenut ma kienx ħallas u fuq talba tal-Banka Commerciale u mhux ta' Tirrenia, u jekk imbagħad il-konvenut mar biex iħallas u *Paolo Mifsud, l-aġent ta' Tirrenia, ma riedx jaċċetta flus* għaliex il-konvenut ried li jkollu f'idejh il-garanzija bankarja, il-konvenut jiddepożita l-flus il-Qorti. Inqas jista' jingħad li r-rifjut tal-aġent kien arbitrarju billi huwa kien assuma responsabilità kbira meta ppermetta lill-konvenut li jirtira l-merkanzija mingħajr dokumenti u kwindi ried ikun dejjem kawtelat għal dak li kien jista' jinqala', iktar u iktar li kien diġà *rċeva sekwestru mingħand il-konvenuti (ara dikjarazzjoni ta'* Alfred Mizzi fil-kawża kontra Paolo Mifsud fuq ċitata (fol. 3);

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi skond l-ewwel talba u tir-riserva illi tipprovdi fuq it-talbiet l-oħra wara li jkunu ġew esawriti l-provi dwar l-ammont tad-danni subiti mill-attur nomine. Spejjeż *riservati għall-ġudizzju finali.*